**Laqgha Numru 17/K5/2007**

**Introduzzjoni**

Minuti tas-Sbatax il-Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2007 li saret nhar il-Hamis 25 t'Ottubru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsilliera Ray Pace matul il-gurnata baghat e-mail fejn informa lill-Kunsill li huwa ma setax jattendi u rrimarka li ghal darb'ohra, minkejja li huwa kemm il-darba kien informa lill-Kunsill bil-granet li ma jkunx jista` jattendi minhabba mpenji ta' xoghol u mpenji ohra familjari, xorta wahda l-laqghat qed isiru f'dawn il-granet.

Il-Vici Sindku Ray Mizzi nforma lill-Kunsill li kien skuzat filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ftit qabel ma bdiet il-laqgha nformat lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li kienet skuzata.

Ghal dan il-ghan ma kienx hemm quorum u l-laqgha ma saritx.

Is-Sindku Joe Zammit informa lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jinforma lill-Kunsilliera kollha l'issa l-laqgha ser issir nhar it-Tnejn 29 t'Ottubru 2007 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |

**Laqgha Numru 17/K5/2007**

**Introduzzjoni**

Minuti tas-Sbatax il-Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2007 li saret nhar it-Tnejn 29 t'Ottubru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Ray Mizzi nforma lill-Kunsill li minhabba mpenji personali ma setax jattendi u talab li jkun skuzat.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat informat lill-Kunsill li kienet skuzata fejn irrimarkat ukoll, li normalment, kif diga' kienet informat lill-Kunsill, nhar ta' Tnejn hija ma tkunx tista' tattendi minhabba li tkun ilha gurnata tiehu terapija minhabba mard.

Il-Kunsillier Ray Pace ftit minuti qabel bdiet il-laqgha baghat SMS lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fejn talab li jkun skuzat.

Ghal dan il-ghan ma kienx hemm quorum u l-laqgha ma saritx.

Is-Sindku Joe Zammit informa lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jinforma lill-Kunsilliera kollha l'issa l-laqgha ser issir nhar it-Tlieta 30 t'Ottubru 2007 fil-5.30 pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**

**Laqgha Numru 17/K5/2007**

**Introduzzjoni**

Minuti tas-Sbatax il-Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2007 li saret nhar it-Tlieta 30 t'Ottubru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Ray Pace, Alfred Mazzitelli u Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Ray Mizzi nforma lill-Kunsill li minhabba mpenji personali ma setax jattendi u talab li jkun skuzat.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fid-19 t'Ottubru 2007. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 15/K5/2007.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 15/K5/2007.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K5/2007.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 16/K5/2007.**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**07. Mistoqsijiet.**

**08. Korrispondenza.**

**09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**11. Rapport Finanzjarju Lulju – Settembru 2007.**

**12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**13. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 15/K5/2007.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 15/K5/2007 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 15/K5/2007.

2.01. Peress li ma kienx hemm punti x'johorgu mill-Minuti 15/K5/2007 is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K5/2007.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 16/K5/2007 kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Alfred Mazzitelli u Evelyn Vella Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Ray Pace astjena.

3.04. Il-Minuti gew approvati.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 16/K5/2007.

4.01. Peress li ma kienx hemm punti x'johorgu mill-Minuti 16/K5/2007 is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta **Internal Memo 76/2007** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-ispettur Carmel Abdilla **( Ara dokument A ), Internal Memo 77/2007** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Ambaxxatur tal-Montenegro Frank Galea **( Ara dokument B ), Internal Memo 78/2007** b'rapport tal-laqgha li saret mar-residenti ta' Sit C u D **( Ara dokument C ), Internal Memo 79/2007** b'rapport tal-laqghat li saru bejn 15/09/07 u 25/10/07 **( Ara dokument D ) u Internal Memo 80/2007** b'rapport ta' l-azzjonijiet li ttiehdu bejn laqgha riferenza 13/K5/07 u laqgha 17/K5/07 **( Ara dokument E )**

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos prezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fejn qal li ma kellux x'izid maghhom. Il-kelliem ghamel riferenza ghall-Internal Memo 79/2007 b'rapport tal-laqghat li saru f'dawn l-ahhar gimghat.

6.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien gie mharrek bhala xhud fil-kawza li l-ex Avukat tal-Kunsill Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghamel kontra l-gurnal il-Mument.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-19 ta' Settembru 2007 u d-29 t'Ottubru 2007 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| 46/4669/07/I<br>24/09/2007 | Ittra minghand il-Prim Ministru ta' Malta Dr. Lawrence Gonzi fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 13 ta' Lulju 2007 rigward iz-zjara |

tal-Kunsill gewwa Cetinje nforma l-Kunsill li qara b'interess il-memo li baghtna u qed jawgura l-Kunsill kull success fil-hidma tieghu u jittama li jkollna r-rizultati li nixtiequ.

8.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4669/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/4678/07/I 24/09/2007 Ittra minghand Southampton F.C Supporters Club (Malta) fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jorgnizzaw car wash nhar il-Hadd 18 ta' Novembru 2007 gewwa l-Ex Parade Ground bejn l-10:00am u s-6:00pm.

8.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4678/07/I** il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li jinghata dan il-permess kif mitlub.

8.04. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

8.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4684/07/I 24/09/2007 E-mail minghand is-Sur Anton Zarb fejn informa l-Kunsill bil-covers li joffru ghall-plastic boxes.

8.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4684/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jindaga jekk dawn jistghux jintuzaw fil-lokalita' meta tinkiser xi wahda milli hawn fil-lokal u jekk it-twegiba tkun fil-pozittiv ghandhom jinxtraw numru minnhom sabiex jinbidlu dawk miksura.

8.07. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4725/07/I 25/09/2007 E-mail minghand is-Sur Charles Sargent fejn talab biex il-Kunsill jiehu azzjoni rigward l-istorbju li qed jaghmlu l-istudenti gewwa Sprachcaffe fejn ir-residenti qed jibqghu mqajma l-lejl kollu.

46/5059/07/I 12/10/2007 Kopja ta' l-e-mail li s-Sur Paul Baldacchino baghat lill-avukat Dr. Luciano Busuttil fejn baghtlu aktar informazzjoni b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill fejn tlabna parir legali dwar PA 288/05 u PA 875/05 il-bini ta' Blokk D u E fi Triq Giorgio Mitrovich.

46/5069/07/I 12/10/2007 E-mail minghand is-Sur Paul Baldacchino fejn informa l-Kunsill b'artiklu li deher fil-gazzetta The Sunday Times li kitbet is-Sinjura Nadya Anne Mangion residenta minn Pembroke rigward l-istorbju li qed jaghmlu l-istudenti ta' Sprachcaffe.

46/5231/07/I 22/10/2007 E-mail minghand is-Sur Paul Baldacchino li joqghod 259, Triq Giorgio Mitrovich fejn talab lill-Kunsill jekk kienx hemm reazzjoni mill-Avukat tal-Kunsill rigward il-Bini ta' Blokk D.

8.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4725/07/I, 46/5059/07/I, 46/5069/07/I u 46/5231/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward dan diga nkitbet ittra ufficjali lid-diretturi tal-post. Il-kelliem ippropona li permezz ta' l-Avukat tal-Kunsill tinkiteb ittra ohra lid-direttur ghan-nom tar-residenti u l-avukat stess jigi mitlub jara x'passi jistghu jittiehdu f'dan ir-rigward flimkien ma' dawk il-pariri l'inghataw lill-Kunsill mill-ispettur Carmel Abdilla. Il-kelliem ippropona wkoll li jigu nformati b'dan ir-residenti koncernati.

8.10. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4744/07/I 26/09/2007 E-mail minghand St. Patrick's Boys Craft Centre fejn b'riferenza ghall-laqgha li kienet saret fl-iskola f'Dicembru 2006 rigward il-kalata tal-bocci fl-iskola nforma l-Kunsill li sfortunatament ma giex materjalizzat dan il-progett u jixtieq li dan il-progett isir ghall-gid ta' l-istudenti.

8.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4744/07/I** il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jinforma lid-dirigenti ta' l-iskola li l-fondi tal-Kunsill ma jippermettux li jsir dan ix-xoghol imma din it-talba ghandha titressaq ghall-attenzjoni tal-Ministru Ninu Zammit kif ukoll li ghandha ssir talba mill-Kunsill ghal dan il-ghan ghan-nom taghhom.

8.13. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

8.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li sfortunatament ghal certu affarijiet il-Kunsill ikollu flus filwaqt li ghal ohrajn le.

46/4752/07/I 26/09/2007 E-mail minghand Pembroke Karate Club fejn talbu ghajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex jixtru televizjoni 21 inch ghall-prezz ta' Lm65.

8.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4752/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li rigward din l-item il-Kunsillier Alfred Mazzitelli qed jahdem flimkien mieghu sabiex jinstab sponsor ghal dan.

46/4753/07/I 26/09/2007 E-mail minghand Pembroke Karate Club fejn informa l-Kunsill jekk hux possibbli li jsir exchange bejn il-klabb tal-Pembroke Karate Malta u l-klabb f'Pembroke Wales permezz tal-Kunsill u baghat id-dettalji tal-persuna li jiehu hsieb il-klabb f'Pembroke Dock.

8.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4753/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward din l-item il-Kunsillier Mazzitelli qed jahdem flimkien mieghu sabiex isir dan il-kuntatt u ghalhekk ippropona li l-Kunsill japprova biex isir l-ewwel kuntatt ufficjali kif mitlub.

8.18. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

8.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4769/07/I 27/09/2007 Ittra minghand Education, Audiovisual and Culture Agency (EACEA) fejn informaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill giet maghzula biex tinghata l-fondi u baghtu kopja ta' decizjoni u l-kuntratt generali.

8.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4769/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/4795/07/I 28/09/2007 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 6 ta' Settembru 2007 informa l-Kunsill li l-Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern Dr. Tonio Borg laqa' t-talba tal-Kunsill sabiex jirrialloka temporanjament l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill sakemm isiru x-xoghlijiet mahtiega fl-ufficcju.

8.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4795/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/4798/07/I 28/09/2007 Ittra minghand Network Infrastructure Directorate fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 11 ta' Settembru 2007 rigward il-progett tal-park &

ride nformaw lill-Kunsill li bdew jippreparaw it-tender ghall-progett.

8.22. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4798/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li fil-fatt l-applikazzjoni quddiem il-MEPA giet prezentata.

46/4799/07/I 28/09/2007 Kopja ta' l-ittra li s-Sur John Ebejer li joqghod Blokk 4, Flt 5, Triq Sir Luigi Preziosi baghat lill-avukat Dr. Martin Fenech bhala kummenti tieghu ghall-ittra mibghuta minnu f'isem is-Sur Salvinu Giliberti u l-familja tieghu.

8.23. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4799/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/4813/07/I 28/09/2007 E-mail minghand is-Sinjura Mary Salafia fejn informat lill-Kunsill li hadu gost hafna bil-harga li organizza l-Kunsill gewwa l-Ghadira pero' nformat lill-Kunsill li tinsab dizappuntata bil-corner ta' hdejn id-dar taghha fejn talbet biex toghla b'filata jew tnejn mad-dawra biex l-ilma ma jkaxkarx il-hamrija ghan-niezla kull darba li ssir it-tisqijja.

8.24. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4813/07/I** is-Sindku Joe Zammit qal li huwa nformat li l-Kunsillier Alfred Mazzitelli kellem lill-kuntratturi rigward dan. Il-kelliem ippropona li jsir komunikat ukoll mal-kuntrattur J&K biex ikun jista’ jsir dak mixtieq mis-sinjura halli ma tibqax tinzel hamrija minhabba l-qalba li hemm tat-triq.

8.25. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4833/07/I 01/10/2007 E-mail mill-Comune di Roccalumera fejn informat lill-Kunsill li ghamlu kuntatt maghha ghalliema mill-iskola f'Roccalumera fejn jixtiequ jorganizzaw safra ta’ studju f’Pembroke ta’ sitt t’ijiem ghal 30 student li ghandhom 13 il-sena u qed tistaqsi jekk jistax jigi organizzat skambju kulturali bejn it-tfal ta’ Roccalumera u t-tfal ta’ Pembroke.

8.27. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4833/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li mmedjatament il-Kunsillier Mazzitelli flimkien mieghu kienu hadu l-inizjattiva biex saret is-soltu leaflet, li diga tqassam fid-djar biex il-Kunsill jara min jixtieq joffri dan is-servizz. Il-Kelliem qal li bhal ma dejjem sar kien gie vverifikat ukoll permezz ta’ telefonati f’zewg residenzi f’kull triq li dan il-materjal kien gie mqassam.

8.28. Il-Kunsilliera Ray Pace u Evelyn Vella Brincat qalu li huma ma kienux ircievew dan il-leaflet.

46/4859/07/I 02/10/2007 Ittra minghand resident ta’ Plot 417 fi Triq Made Margherita de Brincat fejn b'riferenza ghall-ittra taghna nformat lill-Kunsill li x-xoghol li sar fil-propjeta' taghhom sar biex tittranga l-problema tal-rainwater/drainage overflow u m'ghandhomx facilitajiet biex inehhu dan il-materjal minhabba li hemm bzonn 2 trakkijiet u bulldozer.

8.29. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4859/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lil dawn is-sinjuri, li l-obligu biex jitnehha materjal li origina minnaha taghhom, hija tas-sinjuri, u jekk hemm xi problema biex dan ix-xoghol isir minnaha taghhom, allura il-Kunsill ikun lest li jghin biex dan isir.

8.30. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

8.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4866/07/I 03/10/2007 — Ittra minghand is-Sur Stephen Spiteri fejn baghat kwotazzjoni biex issir suletta tal-konkos ghal handrail fi Triq il-Beatu Dun Gorg Preca ghall-prezz ta' Lm 472 bil-VAT inkluza.

46/4942/07/O 05/10/2007 — E-mail li baghtna lid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar lill-Perit Anton Camilleri fejn baghtna l-kwotazzjoni li rcieva l-Kunsill minghand is-Sur Stephen Spiteri biex issir suletta tal-konkos ghall-prezz ta' Lm472 inkluz il-VAT fi Triq il-Beatu Dun Gorg Preca.

8.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4866/07/I u 46/4942/07/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li minhabba l-emergenza tax-xoghol, huwa kien tkellem mal-Perit Anton Camillieri li minnaha tieghu accetta din l-offerta ta' dan is-sinjur, li kien l-istess wiehed li rebah l-offerta biex nehha l-istruttura tat-tarag li kien hemm. Il-kelliem qal li x-xoghol kien diga nbeda u ghandu jkun lest fil-jiem li gejjien.

46/4867/07/I 03/10/2007 — E-mail minghand il-Librerija Pubblika Centrali fejn qed iheggeg il-Kunsill f'organizazzjoni ta' xi attivita' fil-lokal li ticcelebra l-ktieb u baghtu lista ta' attivitajiet li qed jipproponu.

8.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4867/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li flimkien mal-Kunsillier Alfred Mazzitelli ser jara x'jista' jsir fic-cirkostanzi li ghandu l-Kunsill minhabba l-limitazzjonijiet li jezistu mill-post minn fejn qed jopera.

46/4870/07/I 03/10/2007 — E-mail minghand l-HSBC fejn informaw lill-Kunsill li l-bank accetta li jisponsorjaw l-irrangar skond il-htiega tal-Kunsill tat-tabelli tal-Merhba u talab naghmlu komunikat mal-Kuntrattur biex isir ix-xoghol mehtieg.

8.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4870/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

8.35. Is-Segretraju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara laqgha li kellu mal-kumpanija Active Enterprises, inkitbet ittra ohra lill-HSBC bil-possibilita' li ssir Merhba Sign ohra fil-vicinanzi tal-lukanda San Gorg Corinthia kif ukoll jekk huwa possibbli jinbidlu t-tabelli kollha, isiru godda u fuqhom jitpoggew l-istemmi tal-Kunsilli kollha li l-Kunsill Lokali Pembroke ghandu Gemellagg jew xi ftehim iehor mieghu. **( Ara dokument F )**

8.36. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Merhba Signs ghandhom isiru skond kif ipprezentat mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

8.37. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.38. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Ray Pace u Evelyn Vella Brincat astjenew.

8.39. Il-Mozzjoni giet approvata.

8.40. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li fuq il-Merhba Signs ghandha ssir il-bandiera ta' l-EU wkoll.

8.41. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.42. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli vvutaw kontra filwaqt li l-Kunsilliera Ray Pace u Evelyn Vella Brincat vvutaw favur.

8.43. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota kontra.

8.44. Il-mozzjoni m'ghaddietx.

8.45. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien ivvota kontra b'ebda nuqqas ta' rispett li Malta hija membru ta' l-EU izda hass li tabella ta' merhba tal-lokal m'ghandha xejn x'taqsam ma' l-EU.

46/4871/07/I
03/10/2007
E-mail minghand STC Training fejn baghat ritratt ta' tfiegh ta' skart quddiem l-iskola u talab il-Kunsill jekk jistax jinbena hajt u jigu mizrugha xi sigar u qed jikkonfermaw li l-iskola lesti li jikkkontribwixxu biex dan isir.

8.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4871/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li mmedjatament il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ordna lill-Kuntrattur Shawn Farrugia biex issir din it-tindifa. Rigward il-bini tal-hajt kif mitlub, il-kelliem qal li ser ikunu qed jiddiskutu ma' l-iskola f'hiex lesta li tippartecipa.

8.47. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tul il-bankina ta' Triq Alamein ghandu jinzebagh linja safra sabiex tindika l-1.2 metri wiesa' tal-bankina fejn ma jistghux jipparkjaw il-vetturi.

8.48. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

8.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4874/07/I
03/10/2007
E-mail minghand CT Park is-Sur Mark J. Attard fejn issugerixxa li ssir laqgha mal-Kunsill rigward il-possibilita' ta' l-immanigjar ta' servizz ta' Park & Ride fil-perjodu ta' festi.

8.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4874/07/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li minhabba li daqt jasal il-Milied li jgib mieghu hafna traffiku fl-inhawi, jkun jaghmel sens li din il-materja tigi diskussa ma' l-ADT b'urgenza.

8.51. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li bejn il-15 ta' Dicembru 2007 u t-13 ta' Jannar 2008 fl-Ex Parade Ground ser ikun hemm ic-Cirklu u ghalhekk hafna mill-ispazju ser ikun okkupat specjalment waqt il-hinijiet li jkun qed jopera c-cirklu.

8.52. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li CT Park jigu nformati li jekk isir ic-Cirklu t-talba taghhom ma tkunx tista' tigi milqugha.

8.53. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

8.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4907/07/O
04/10/2007
Ittra li baghtna lill-Kumpanija Hamilton Travel fejn baghtna kopja tal-korrispondenza li rcieva l-Kunsill minghand Papirus Travel f'Roccalumera.

8.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4907/07/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa kien tkellem bit-telefon mal-personal assistant ta' Hamilton Travel fejn din uriet ix-xewqa li dawn jiltaqghu mad-dirigenti ta' din l-agenzija. Ghalhekk ippropona li l-Kunsill jikteb lil Papirus Travel fejn jigu mistoqsija

meta u jekk iridux li jigu Malta biex jiltaqghu ma’ Hamilton Travel, naturalment mhux spejjez tal-Kunsill.

8.56. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4917/07/I 04/10/2007 46/5020/07/I 10/10/2007 Ittra minghand Datatrak fejn stiednu lis-Sindku ghall-breakfast meeting li ser isir nhar is-Sibt 13 t'Ottubru 2007 bejn it-8.30 u 12.00 gewwa l-Westin Dragonara rigward il-kuntratt tas-servizz ta’ LES li d-Datatrak ghandha mal-Kumitati Kongunti.

8.58. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4917/07/I u 46/5020/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kien hemm hafna Sindki prezenti nkluz il-President tal-AKL li hadu nota ta’ dak kollu li kien qed jigi propost fil-laqgha biex isir il-kuntratt il-gdid ghas-sistema tal-Gwardjani Lokali.

46/4918/07/I 04/10/2007 Fuljett minghand il-BizGifts fejn informawna bil-prodotti li joffru bhala rigal.

8.59. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4918/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/4919/07/I 04/10/2007 Ittra minghand D’Gossip Productions fejn informaw lill-Kunsill bil-programm gdid li ser jibda mill-1 ta' Jannar 2008 li se jixxandar fuq il-Multiplus fuq UTV dwar ix-xoghol li jwettaq il-Kunsill u qed jistiednu l-Kunsill jippartecipa bi hlas ta' Lm123 inkluz il-VAT.

8.60. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4919/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lill-Kunsilliera biex jahsbu jekk il-Kunsill ghandux jiehu sehem f’dan il-programm televiziv.

46/4920/07/I 04/10/2007 E-mail minghand is-Sur Tony Gatt fejn informa l-Kunsill bil-ktieb li ghandu ghall-bejgh dwar 'Malta Analysis & Consequences of Elections 1921 - 2003' ghall-prezz ta' Lm4.95 li jinxtara minghand il-BDL biss.

8.61. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4920/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinxtara ktieb ghall-librerija tal-Kunsill.

8.62. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.63. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4923/07/I 04/10/2007 Minuti tal-laqgha ta’ LES numru 9/2007 li saret nhar it-Tlieta 12 ta’ Settembru 2007 gewwa t-Tribunal.

8.64. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4923/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/4924/07/I 04/10/2007 E-mail minghand Dr. Richard Sladden fejn baghat traduzzjoni bil-malti ghall-e-mail mibghuta mill-Comune ta' Roccalumera.

8.65. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4924/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/4949/07/I 05/10/2007 E-mail minghand il-Kunsillier Ray Pace fejn qed jipproponi li nibghatu l-awguri taghna lit-tfalja bl-isem ta' Yasmin Azzopardi li ser tirraprezenta lil Malta f'konkors tas-sbuhija internazzjonali li ser isir f'Seychelles.

8.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4949/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li din l-ittra kienet intbaghtet.

46/4968/07/I 09/10/2007 Ittra minghand l-iskola ta' St. Catherine's High School fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward il-lapida nforma l-Kunsill li ser jaghmel kuntatt mal-Fondazzjoni Wirt Artna li tiehu hsieb li tigbor dawn il-lapidi taz-zmien l-inglizi.

8.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4968/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jikteb lil din l-ghaqda sabiex izomm lill-Kunsill informat bl-andament ta' din l-istorja.

8.68. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

8.69. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.70. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ghamel riferenza ghax-xoghol li sar mill-Iskola St. Catherine High School fejn qal li kull meta taghmel ix-xita hafna materjal qed johrog mit-toqob li hemm fil-hajt u qed jispicca fit-triq. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob lill-iskola sabiex issib soluzzjoni ghal din il-problema.

8.71. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

8.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/4977/07/I 08/10/2007 Kwotazzjoni minghand Office Group Ltd. ghal manutenzjoni tal-photocopier Konica 7022 ghall-prezz ta' Lm 529.94 inkluz il-VAT.

8.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4977/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li jidher li wara tindifa sewwa tal-filter mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, bhalissa din qed tiffunzjona tajjeb ghalkemm jista' jaghti il-kaz li wasal iz-zmien taghha wkoll.

8.74. Is-Segretarju Eezkuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din kienet inxtrat Lm 1,300 f'Settembru 2002 jigifieri 5 snin ilu. Il-kelliem informa lill-Kunsill l'illum il-gurnata bid-diprezzament tiswa madwar Lm 900.00 kif ukoll li sabiex issir il-manutenzjoni necessarja hemm spiza ta' madwar Lm 529.94.

8.75. Il-Kunsillier Ray Pace talab li jsir rapport dettaljat ta' l-infieq kollu li sar fuq il-photocopier kemm din ilha ghand il-Kunsill.

46/4993/07/I 09/10/2007 Ittra minghand Dr. Michael Falzon fejn informa l-Kunsill li qed jircievi diversi lmenti minn residenti li joqghodu fi Triq Tobruk dwar nuqqas ta' dawl specjalment fil-vicinanzi ta' Blokk 8.

8.76. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4993/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/4994/07/I 09/10/2007 Ittra minghand il-Fondazzjoni ghall-Iskejjel ta' Ghada (FTS) fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward il-bini ta' skola primarja gdida nforma l-Kunsill li l-progett baqa' kif propost u ma nbidel xejn u qed jissugerixxi li dwar l-uzu tal-kmamar fl-iskola primarja gdida l-ahjar li niddiskutu mad-divizjoni ta' l-edukazzjoni.

8.77. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4994/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel din it-talba specjalment wara l-prezentazzjoni li saret quddiem il-MEPA meta gie diskuss il-pjan ta' bini ta' l-iskola gdida.

8.78. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.79. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5009/07/I
09/10/2007
E-mail minghand CT Entertainment Productions is-Sur Anthony Sacco fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 10 ta' Lulju 2007 sabiex igibu c-cirklu f'Pembroke, talbu l-permess tal-Kunsill biex il-pagament ta' Lm1,000 isir sa l-ahhar ta' Novembru minflok sa l-ahhar ta' Settembru 2007.

8.80. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5009/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li huwa nformat li ghandu jigi depozitat cekk 'future dated' sabiex ikun bhala garanzija ghand il-Kunsill.

8.81. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li CT Entertainment jigu mitluba jaghmlu Bank Draft bl-ammont dovut liema cekk ghandu jigi depozitat mill-Kunsill gimgha qabel ma tkun ser issir l-attivita' kif ukoll li kemm il-darba l-attivita' ma ssirx dan ghandu jinghata lura. Il-kelliem ippropona li jekk dan ma jsirx jigi tterminat il-ftehim li hemm bejn il-Kunsill u l-kumpanija minhabba li l-kumpanija tkun kisret wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Kunsill.

8.82. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5011/07/I
10/10/2007
Ittra minghand Abela, Bartolo & Galea Advocates fejn qed jikteb f'isem il-familja Norman li toqghod 485, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' rigward il-problema t'gharghar li qed isofru f'darhom kull meta taghmel ix-xita kif ukoll minn kwantita' ta' dranagg li jidhol fis-sular t'isfel tad-dar.

8.84. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5011/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li mmedjatament kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jinforma lill-Avukat tal-Kunsill b'dan kif ukoll lill-WSC, kif effetivament sar.

46/5014/07/I
10/10/2007
Ittra minghand il-MEPA fejn baghtu lista t'applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA 04180/07 – Proposed implementation of park'n' ride system and improvements to existing car park and surrounding transport network, proposal includes construction of ancillary facilities & fixing of bus shelters with double sided advertisement panels – Perit Paul Buhagiar, Parking Area, from Triq Dun Guzepp Farrugia, Triq Tobruk, Triq Alamein, Triq Cassino & Triq Normandy.

8.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5014/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5023/07/I
10/10/2007
E-mail minghand il-BIM Ltd. fejn qed jappellaw ghat-tender numru 04/2007 minhabba li l-offerta taghhom kienet orhos min tal-kumpanija OmniStat.

46/5025/07/O
10/10/2007
E-mail li baghtna lill-avukat Dr. Luciano Busuttil b'riferenza ghall-e-mail mibghuta mill-Kumpanija BIM fejn appellaw ghat-tender numru 04/07 u tlabna l-parir legali minnaha tieghu.

8.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5023/07/I u 46/5025/07/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li rigward dan, fuq parir legali l-Kunsill kompla jatwa d-

decizjoni li kienet ittiehdet u dan fid-dawl li skond il-parir ta’ l-avukat, BIM naqas milli jimxi mar-regoli ta’ kif ghandu jsir appell.

46/5026/07/I 10/10/2007 Kopja ta' l-e-mail li l-Kap ta’ l-iskola St. Patrick’s Craft Centre baghat lis-Sur Anton Naudi tal-Melita Football Club fejn talbu l-permess tieghu biex juzaw il-grawnd darba jew darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn.

8.87. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5026/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb ukoll lill-Melita FC sabiex jghin lit-tfal ta’ din l-iskola.

8.88. Is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li kemm il-darba Melita FC toggezzjona ghal din it-talba, il-Kunsill jista’ joffri lil St. Patrick’s Craft School li jaghmlu uzu miz-zmien li bil-ligi l-Kunsill jista’ jaghmel uzu mill-facilitajiet ta’ Melita FC.

8.89. Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li l-Kunsill ghandu jimxi mas-suggeriment tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

8.90. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5027/07/I 10/10/2007 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali s-Sur Silvio Frendo fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 27 ta' Gunju 2007 informa l-Kunsill li peress li Life Cycle mhiex qeda fit-Tmien Skeda l-Kunsill ma jistax jaghtiha donazzjoni.

8.91. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5027/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5028/07/I 10/10/2007 Ittra minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi u Ordni Pubblika fejn baghtu cekk ta' Lm1,787 li jirraprezentaw surplus ta' Lm50,000 bhala proporzjon ghan-numru ta' tickets li hargu l-gwardjani lokali u l-pulizja bejn l-1 t'April 2007 sat-30 ta' Settembru 2007.

8.92. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5028/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

46/5157/07/I 17/10/2007 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward l-iskola ta' l-atletika, nforma l-Kunsill li jixtieq aktar informazzjoni dwar dan is-suggett kif ukoll il-finanzjament taghha.

8.93. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5157/07/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minn dawn il-fondi l-Kunsill ghandu jiffinanzja l-Pembroke Local Council Football School u l-Pembroke Local Council Athletics School (Lm100 fix-xhar kull skola) sa Marzu li gej u dan sakemm jinhatar Kunsill gdid li wara jiddeciedi huwa jkompliex b’din l-inizjattiva. Il-kelliem qal li huwa kien diga wiegeb lid-Dipartiment ta’ l-LCD b’dan.

8.94. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5044/07/I 11/10/2007 E-mail minghand l-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo fejn talbu sponsor mill-Kunsill biex 61 tifel u tifla jaghmlu zjara gewwa Wied Ghollieqa ghal prezz ta' Lm 1 kull wiehed.

8.96. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5044/07/I** il-Kunsillier Alfred Mazzitelli bhas-snin ta’ qabel ippropona biex isir din l-inizjattiva.

8.97. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li l-Kunsill ghandu jitlob lill-Iskola sabiex tinforma lill-Kunsill minn fejn gejjien it-tfal, halli l-Kunsill ta' Pembroke ikun jista' jitlob lil dawn il-Kunsilli biex jisponsorjaw lit-tfal li gejjien mir-rahal taghhom. Il-kelliem zied ukoll li l-Kunsill Lokali Swieqi ghandu jigi mfakkar li ghadu ma kkontribwix sabiex kienu nxtraw il-kotba ghall-Jum Pembroke li nghataw ukoll lit-tfal mis-Swieqi fl-attivita' ta' Ktieb Tezor.

8.98. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5045/07/I 11/10/2007 E-mail minghand l-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo fejn talbu jekk il-Kunsill jistax jipprovdi skip lill-iskola minhabba xoghol li qed isir fl-iskola biex jifthu librerija.

8.99. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5045/07/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li wara konsultazzjoni mieghu l-Kunsillier Alfred Mazzitelli kien awtorizza din it-talba bhala parti minn tindif u tisbih ta' l-ambjent w inizjattiva edukattiva.

46/5058/07/I 12/10/2007 Acknowledgement minghand il-MEPA rigward l-ittra tal-Kunsill datata 4 t'Ottubru rigward PA04404/07 fejn tlabna sabiex l-izviluppatur ghandu jara li jipprovdi dhul alternattiv minhabba li ser jiggenera zieda ta' traffiku fit-toroq residenzjali ta' Pembroke waqt attivitajiet tal-Melita FC.

46/5217/07/I 22/10/2007 E-mail minghand is-Sur Anthony Grima li joqghod 469, Greenvale, Triq il-Mediterran, Pembroke fejn qed jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-izvilupp tal-ground il-kbir mill-Melita Sports Club u l-effett tat-traffiku fit-toroq ta' Pembroke fejn baghat sett ritratti mehudin il-Hadd 21 t'Ottubru 2007 li juru sa fejn wasal il-parkegg ghall-Melita Sports Club u ssugerixxa li l-Kumpless ghandu juza l-access minnaha ta' l-Iskola Sir Adrian Dingli sabiex ma jintuzawx t-toroq residenzjali.

